# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 296/2014**

Il-Pulizija

vs

**Jurgen Grech**

iben George, imwieled Pieta', fis-16 ta' Awwissu, 1993, detentur tal-karta tal-identita' numru 365993(M)

Illum 12 ta' Gunju, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Jurgen Grech quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

1. Talli fis-27 ta' Marzu 2014 għall-ħatba tat-15:30 hrs waqt li kont qiegħed fl-inħawi ta' Xgħajra ta' Ħaż-Żabbar, kont qed tonsob għal-għasafar tal-għana, matul l-istaġun magħluq għall-insib tal-għasafar u dan bi ksur tar-Reg 18(1)(c), L.S. 504.71.

2. Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkaċjajt jew ippruvajt tikkaċċja, tieħu jew ippruvajt tieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolament, jekk mhux skont

dawn ir-regolamenti u skont il-kundizzjonijiet ta' kull liċenza li tingħata taħt; Reg 4(1)(a) tas-SL 504.71.

3. Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok ħin u ċirkostanzi ħadt jew ppruvajt tieħu xi għasfur billi użajt xi lixki ta' għasafar protetti u dan bi ksur ta' regolament 7(1)(i) tal-L.S. 504.71.

4. Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, waqt staġun miftuħ għall-kaċċa ta' fuq l-art, kont qiegħed tikkaċċja mingħajr ma kellek liċenzja maħruġa f'ismek mid-Direttur jew mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tar-Reg 12(1) tal-A.L. 79/2006, hekk kif emendat, L.S. 504.71.

5. Żammejt xi għasfur, kemm ħaj kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur, li l-kaċċa jew it-teħid tiegħu huma projbiti taħt ir-regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-għasafar tal-selvaġġi (A.L. 79 tal-2006), bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u meta dak l-għasfur ma kienx ġie iddikjarat u reġistrat mal-awtorità kompetenti sal-31 ta' Mejju, 2003 u mingħajr ma kellek il-permessi jew ċertifikati mill-awtorità kompetenti sabiex iżżomm dak l-għasfur u dan bi ksur ta' regolament 4(1)(e) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.S. 504,71.

6. Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi żammejt xi għasfur, kemm ħaj kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur mhux imsemmi fl-iskeda II jew l-iskeda III, meta dak l-għasfur ma kienx ittieħed fi stat membru ieħor fejn ikun jista' jittieħed jew jinqabad legalment taħt id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi kif ukoll taħt il-liġijiet ta' dak l-istat membru l-ieħor u dak l-għasfur kien miġjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 bi ksur ta' regolament 4(1)(f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71.

Il-Proskuzzjoni talbet ukoll lill-Qorti li barra li taħgti l-piena skont il-Liġi, tornda l-konfiska tal-oġġetti esebiti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Gunju, 2014 fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 18(1)(c), 4(1)(a), 7(1)(i), 12(1), 4(1)(e) u 4(1)(f) tal-AL 79 tal-2006 LS 504.74 tal-

Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), il-ħames (5) u s-sitt imputazzjonijiet u għaldaqstant kkundannatu multa ta' elf u hames mitt ewro (€1,500). Ma sabitux ħati tar-raba' (4) imputazzjoni u għaldaqstant illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellanti Jurgen Grech minnu pprezentat fis-7 ta' Lulju, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha Tikkonfermaha f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-appellant mhux ħati tar-raba' (4) imputazzjoni;

Tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti tagħha fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), il-ħames (5) u s-sitt (6) imputazzjonijiet u kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena;

U in subordine, fl-eventwalità li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-aggravju dwar il-mertu, tirriforma s-sentenza apellata f'dik il-parti tagħha li tikkonċerna l-piena, u tinfliġġi minflok piena aktar idoneja u li tirrispekkja l-każ in eżami.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi wara illi fl-istess seduta ta' nhar il-25 ta' Ġunju 2014 ingħatat sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs David Grech*, l-Ewwel Onorabbli Qorti laqgħet it-talba tal-Prosekuzzjoni fis-sens illi xi ritratti u DVD li kienu ġew esebiti fl-atti ta' dik il-kawża l-oħra, jiġu inseriti fl-atti tal-proċess odjern.

Illi nonostante illi l-appellant oġġezzjona għal dan, l-Ewwel Onorabbli Qorti laqgħet dik it-talba.

Illi fl-umli opinjoni tal-appellant, dan ma kellux isir u r-raġuni hija waħda sempliċi. Il-proċess penali jitlob illi dawk il-provi illi jiġu esebiti minn xi parti matul il-proċeduri, jeħtieġ illi jiġu hekk ippreżentati u ikkonfermati bil-ġurament li tkun qed tressaq dik il-prova.

Illi fil-każ odjern ir-ritratti u l-filmat, allegatament, ġew meħuda minn rappreżentant tal-C.A.B.S. Malta illi naqas milli jattendi għas-seduta tal-25 ta' Ġunju 2014 sabiex jikkonferma l-istess bil-

ġurament quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti. Dawn il-'provi' ma ġewx ikkonfermati bil-ġurament, u lanqas ma ġie stabbilit min ħadhom, meta ħadhom u fejn ħadhom!

Illi bid-dovut rispett għandu jingħad illi ladabra kien hemm l-oġġezzjoni ben fondata tad-difiża, il-prosekuzzjoni ma setgħetx taqbad u tissellef provi minn kawża ta' persuna oħra u tuża l-istess kontra l-appellant odjern. Għandu jiġi rilevat ukoll illi fil-kawża *Il-Pulizija vs David Grech,* kien hemm ammissjoni, u lanqas f'dik il-kawża ma ġew maħlufa r-ritratti u DVD in kwistjoni.

Illi fil-każ odjern, dan huwa punt kruċjali, stante illi l-ebda persuna li xehdet f'dawn il-proċeduri – kemm viva voce u kif ukoll bil-mezz tal-affidavit – ma rat lill-appellant fuq il-post, u wisq inqas ma ratu jonsob! B'riferenza għall-affidavit ta' PC389 Silvio Bonnici ħalef illi "*kif wasalna fuq l-post kull ma' kien hemm tlett settijiet ta' xbiek biss*". Għalhekk, dan ifisser illi l-unika 'prova' illi inġiebet mill-Prosekuzzjoni sabiex torbot lill-appellant mal-imputazzjonijiet kif dedotti kontrih hija monka.

Illi t-tieni aggravju tal-appellant, mingħajr preġudizzju għas-suespost, huwa dwar il-fatt illi fil-fehma tal-appellant, mill-provi miġjuba, il-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tilħaq il-grad ta' prova li huwa rikjest fi proċeduri ta' natura penali.

Illi David Grech, xhud tal-prosekuzzjoni ikkonferma bil-ġurament illi l-appellant mar ħdejh wara illi spiċċa mix-xogħol u ma kienx ilu ħdejh meta żarma, illi kien mar ħdejh għall-kumpanija biss u li fl-ebda ħin ma kien qiegħed jonsob, u kkonferma ukoll illi meta wasal biex iżarma l-armar tal-insib huwa talab lill-appellant jagħtih daqqa t'id. David Grech ikkonferma huwa ukoll illi dakinhar kien hu biss li kien qiegħed jonsob u illi l-appellant ma kellu xejn x'jaqsam mal-insib u illi m'għamel l-ebda att li minħabba fih wieħed jista' jikkonkludi illi huwa kien qiegħed jonsob.

Illi din il-verżjoni ġiet mogħtija anke mill-appellant innifsu li spjega b'mod ċar dak li huwa kien qiegħed jagħmel fuq il-post, li bl-ebda mod ma jallaċċjah mal-insib illegali li bih ġie akkużat. L-appellant anke spjega illi hu fl-ebda mument ma qal lill-Uffiċjali tal-Pulizija li kellmuh illi hu kien qiegħed jonsob.

Illi inoltre, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fi kwalsiasi każ, kemm mill-affidavits tal-istess Pulizija u kif ukoll mill-kontro-eżamijiet kondotti, deher ċar ħafna illi l-Pulizija informaw lill-appellant illi ser jittieħdu proċeduri penali kontra tiegħu WARA illi eliċitaw mingħandu dik li huma interpretaw bħala ammissjoni. Għakemm l-appellant iżomm ferm il-verżjoni tiegħu illi huwa qatt ma qal lill-Pulizija illi huwa kien qiegħed jonsob, wieħed ma jistax jinjora l-insenjamenti tal-Qrati fuq din il-materja, fis-sens illi qabel ma l-Pulizija tipprova tieħu stqarrija ammissiva mingħand l-imputat, jeħtieġ illi dan jiġi mwissi dwar il-konsegwenzi li l-istess stqarrija jaf ikollha.

Illi l-Qorti Kostituzzjonali[1] kellha s-segwenti xi tgħid dwar dan:

> *Ir-regola hi li l-Artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni mill-pulizija, sakemm ma jiġix pruvat li hemm raġunijiet impellenti għaliex dan id-dritt għandu jiġi ristrett. Id-dritt għal avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eċċezzjoni.*
>
> *Iżda anke jekk ikun hemm raġunijiet impellenti għal xi restrizzjonijiet, tkun xi tkun ir-raġuni, dawn ir-restrizzjonijiet ukoll m'għandhomx jippreġudikaw id-drittijiet tal-akkużat taħt l-Artikolu 6.*
>
> *Dan id-dritt tal-akkużat ikun irrimedjabbilment preġudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni magħmula meta ma jkunx assistit minn avukat u dawn l-istqarrijiet jintużaw kontra tiegħu.*
>
> *Ir-raġuni tal-inistenza tal-Qorti Ewropea dwar dan id-dritt għall-assistenza legali fi stadju inizjali tal-investigazzjoni hija minħabba l-prinċipju li ħadd m'għandu jinkrimina ruħu...kif ukoll biex jinżamm bilanċ bejn id-drittijiet tal-akkużat u dawk tal-prosekuzzjoni. L-argument li altrimenti jkun diffiċli li l-pulizija tottjeni 'conviction' mhux fattur li għandu jittieħed*

[1] *Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) v. Mark Lombardi* – Appell Ċivili Nru. 34/2009/1 – 12 ta' April 2011.

*inkonsiderazzjoni fit-tħaddim ta' dan il-bilanċ. Il-Pulizija għandha ssib il-mezzi biex issolvi l-każijiet li jkollha u mhux tiddependi fuq is-soluzzjoni assai faċli ta' ammissjoni minn persuna investigata mingħajr l-assitenza ta' avukat.* [enfasi miżjud]

Illi l-istess Qorti Kostituzzjonali[2] qalet anke illi:

*Fil-kaz tal-lum ma hemm l-ebda allegazzjoni illi l-appellat kien mhedded jew imqarraq b'wegħdiet ta' xi vantaġġ. Hemm pero` l-kwistjoni, li din il-Qorti tqis gravi, illi l-appellat ma ngħatax il-liberta fl-għażla jekk iweġibx jew le u b'hekk kien privat minn garanzija kontra kull preġudizzju jew riskju ta' awto-inkriminazzjoni.* [enfasi miżjud]

Illi fi kwalsiasi każ, in vista anke tal-ewwel aggravju, sabiex jiġu ppruvati l-imputazzjonijiet li a bażi tagħhom l-appellant inġieb quddiem il-Qorti, jeħtieġ illi jiġi ppruvat illi l-appellant kien qiegħed attwalment jonsob – mhux suffiċjenti l-fatt li kien fuq il-post viċin ta' nassab sabiex jinstab ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih – u illi kien qed jonsob għall-għasafar tal-għana. Prova dwar dan ma nġabitx.

Illi inoltre, mingħajr preġudizzju jingħad li sabiex tkun tista' tirriżulta l-ewwel imputazzjoni – li magħha huma marbuta l-imputazzjonijiet l-oħra kollha li tagħhom l-Ewwel Qorti sabitu ħati, u b'mod partikolari t-tieni akkuża – kien meħtieġ illi l-Prosekuzzjoni tipprova illi l-ġurnata li fiha allegatament seħħ ir-reat kienet taqa' propju fl-istaġun magħluq. Kif taf ben tajjeb il-Qorti, l-istaġuni mitfuħa għall-insib m'humiex perjodi fissi stabbiliti bil-Liġi, u b'hekk ivarjaw minn żmien għal żmien. Isegwi allura li l-ewwel pass li trid tagħmel il-Prosekuzzjoni sabiex tirnexxi fil-każ tagħha huwa illi tressaq prova illi d-data in kwistjoni kienet taqa' fl-istaġun magħluq.

Illi di più, mingħajr preġudizzju għas-suespost, sabiex tkun tista' tirriżulta t-tielet imputazzjoni, jeħtieġ illi jiġi ppruvat illi l-appellant uża lixki ta' għasafar protetti. Jekk il-Pulizija, meta marret

---

[2] *Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri* – Appell Ċivili Nru. 32/2011/1 – 12 ta' Novembru 2012.

fuq il-post, ma sabet xejn, kif qatt tista' targumenta illi ppruvat b'mod sodisfaċenti l-element materjali ta' din l-imputazzjoni? L-istess għandu jingħad għar-rigward tal-ħames u s-sitt imputazzjonijiet; dawn jittrattaw iż-żamma ta' għasafar. La għasafar ma nstabux, dawn l-imputazzjonijiet, bl-ebda tiġbid ta' provi ma jistgħu jirriżultaw bħala ippruvati skont il-liġi. Fid-dawl ta' dan, m'hemmx dubju illi l-Prosekuzzjoni ma ssodisfatx ir-rekwiżit tal-Artikolu 638 tal-Kap. 9 li jirrikjedi lill-prosekuzzjoni ġġib "*il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti*".

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, minkejja illi fl-umili opinjoni tal-appellant ir-ritratti u l-filmat li ddaħlu fil-proċes odjern b'mod li l-appellant iqis wieħed irregolari, għandu jingħad illi minn dawn ir-ritratti u mill-filmat ma jistax jiġi stabbilit x'għasafar kien hemm, u kwindi ma jistax jirriżulta li dawn kienu għasafar protetti.

Illi huwa ben risaput illi min jallega jrid jipprova, u għaldaqstant hija l-Prosekuzzjoni li għandha ġġib il-provi li permezz tagħhom tipprova l-każ lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, sabiex il-Qorti, wara li teżamina l-provi, tasal għal deċiżjoni.

Illi jingħad ukoll illi kwalsiasi dubju għandu jxaqleb il-miżien a favur tal-appellant.

Illi minn dak suespost jirriżulta illi l-provi miġjuba ma kienux tali li jilħqu l-grad rikjest mil-liġi, u għalhekk ma kinux suffiċjenti sabiex a bażi tagħhom l-Ewwel Onorabbli Qorti ssib ħtija tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi din hija kawża sommarja u peress li ma ġietx rekordjata u wisq anqas traskritta x-xhieda li ngħatat quddiem l-Ewwel Qorti , din il-Qorti kellha tisma' l-provi mill-ġdid.

Illi l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant huwa li ġew esebiti xi ritratti u DVD li kienu qegħdin f'proċess ieħor mingħajr ma ġew maħlufa bil-ġurament u anke wara li l-appellant oġġeżjona li jiġu esebiti fil-proċess tiegħu.

Illi m'hemm ebda sinjal fil-verbal ta' quddiem l-Ewwel Qorti li kien hemm oġġezzjoni li tali filmat u ritratti jiġu esebiti. Pero' f' dan il-każ wieħed jista' jagħmel referenza għal każ Pulizija vs David Sant fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 t'Ottubru, 2007 qalet is-segwenti:

*'Wieħed irid jiddistingwi bejn l-ammissibilita` ta' dokument u l-valur probatorju li jista' jingħata lil tali dokument. Għalkemm huwa dejjem desiderabbli li meta jiġi ezibit dokument li jkun irreġistra xi xena jew diskors – film, video clip, tape recording u reġistrazzjonijiet oħra simili – jittella' jixhed xi ħadd li jkun jista' jikkonferma kif u taħt liema ċirkostanza saret dik ir-reġistrazzjoni, tali konferma ma hix pre-rekwiżit għall-ammissibilita` tad-dokument.'*

Illi d-data cioe'27.03.2014 fit-3:30p.m. , fejn ttieħdu kemm r-ritratti u kif wkoll il-filmat hija ċara mill-propjetajiet tad-dokument esebit a folio 9 tal-proċess. Inoltre, jirriżulta min ħa l-filmat u r-ritratti jirriżulta ċar mill-affidavit ta' PC 389 li jagħmel referenza għalihom fih u cioe' tal-CABS u kien hemm ċertu Fiona Burrows.

Illi għaldaqstant din il-Qorti mhux qed tilqa' l-ewwel aggravju.

Illi din il-Qorti fliet kemm ir-ritratti u kif ukoll d-DVD esebit.

Illi fir-rigward tat –tieni aggravju li jikonċerna l-fatt li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tilħaq il-grad tal-prova li huwa rikjest fi proċeduri ta' natura penali l-appellant jagħmel referenza għax-xhieda ta' David Grech fejn dan tal-aħħar insista li l-appellant mar biex itih daqqa t'id u ma kienx qed jonsob miegħu.

Illi fix-xhieda tiegħu quddiem din l-Onorabbli Qorti David Grech stqarr kemm li l-istaġun għal insib kien magħluq (folio 36) imma kif ukoll li Jurgen Grech ma kienx qed jonsob imma kien qiegħed jgħinu jżarma l-affarijiet li kien qed juża biex jonsob għax kien mar ħdejh biss għal kaffe' wara x-xogħol. '*Kemm ġabar il-gabjetti għax ix-xbiek inħalluh mal-art'* fol 38.

Ix-xhud PC 335 Mervyn Borg jgħid li meta wasal fuq il-post indikawlhom tal- CABS fejn immorru , 'sabu l-mansab, kien hemm armat bix-xbieki pero' għasafar ma kienx hemm.' Folio 43.

Ix-xhud PS 1141 Noel Tanti meta mistoqsi jekk kienx tah id-dritt li jkelllem avukat l-ewwel jgħid 'suppost iva' (folio 54) umbgħad jikkonferma li 'iva' pero' ma kitibx li kien tah dan id-dritt fl-affidavit ,induna b'dan wara li kien bgħatt l-inkartament.

Illi mix-xhieda mogħtija mill-appellant quddiem din l-Onorabbli Qorti l-appellant ikkonferma dak li qal żijuh u cioe' li ma kienx qed jonsob iżda li kien mar ħdejh għal kaffe' wara x-xogħol umbgħad qagħad jgħinu jżarma. Pero' huwa ċar ukoll illi l-appellant qatt ma ġie mogħti ċ-ċans ikellem avukat u mwissi li jista' ma jweġibx għal mistoqsijiet magħmula mill- Pulizija meta mar minn jeddu wara li ċemplulu l-pulizija tal-ALE.

Illi minħabba li jidher li l-Prosekuzzjoni m'avżatx lil appellant fuq id-dritt għal avukat u d-dritt li jista' jagħżel li ma jirrispondix din il-Qorti mhux ser tikkonsidra l-parti tal-affidavit ta' PS 1141 Noel Tanti fejn kiteb li l-appellant ammetta li kien qiegħed jonsob ma żijuh.

Illi l-Prosekuzzjoni ma sabitx għasafar iżda tlett settijiet ta' xbiek biss u mill-filmat wieħed ma jistax jiddeduċi x' tip t' għasafar kienu pero' meta wieħed jara l-filmat jidher ċar li s-Sur Grech kien qiegħed jonsob maż-żiju għax jidher jistaħba qalb il-ħaxix umbgħad imur jiġri għall-għasfur. Il-filmat huwa ċar biżżejjed jara lis-Sur Grech jonsob.

Illi l-appellant talab ukoll sabiex din il-Qorti tagħti piena aktar baxxa. Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 17(h) tal-Kap 9 qed tqis li l-imputazzjonijiet (5) u (6) jistgħu jitqiesu assorbiti waħda fl-oħra u qed tapplika l-Artikolu 17( f) tal-Kap 9. Għalhekk ser ikun hemm varjazzjoni tal-piena.

Għaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fejn l-appellant ma nstabx hati tar-raba’ akkuza migjuba kontra tieghu. Tichad l-appell ta’ Jurgen Grech u tikkonferma s-sentenza appellata dwar il-meritu. Dwar il-piena, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok tikkundanna lill-appellant ghal hlas ta’ multa ta’ elf euro (€1000).